F'dan il-jum xi daħka ma tonqosx, u bir-raġun! Hekku l-għala. Meta dawn il-bdiewa ta' l-Imnarja jkunu daru r-raħal kollu u jkun għad baqgħalhom xi ftit tuffieħ huma jieqfu f'xi triq li fiha jkun hemm miġburin ħafna tfal, jaqbdu x-xkora mill-qranen u jxerrdu l-bqija tat-tuffieħ. Allura trid tara t-tfal subien u bniet, kbar u żgħar, jitgerbu u jissaraw bejniethom ħalli jilħqu xi erba' tuffiħat.

U dawn huma xi drawwiet Maltin li tagħhom għad għandna xi t'fkira jew xi fdal. Huma sbieħ fir-rakkont, imma wisq isbaħ huma fid-dehra jekk wieħed ikun jista' jarahom mill-qrib.

---

## GĦAJN RIĦANA

*Ta'* GEORGE ZAMMIT

Nixxiegħa ta' l-ilma, li sserrep
U tgelgel u tfawwar mal-wied,
Li ssaħħar 'il-ħdura bi ġmielek
U twennes b'għanjitek is-skiet;
Nixxiegħa li tiġri, titgerbeb,
Daħkana, ferħana se ttir,
Tiħieli dik l-għanja, misruqa
Minn sema ikħal nir.

Bħal sħaba li ttir waħdanija
Fil-beraħ ta' sema bla tmiem,
Bħal kewkba li tlellex u tgħaddi,
Bħal sebħa ta' farag, ta' sliem,
Int tgħaddi u titbissem. Tiħieli
Dik l-għanja fis, qabel tintemm,
Għax l-għana ħallieni, u din qalbi
Midfuna fil-hemm.

Int tgħaddi u titbissem — għanjitek
Ma tafx ħlief bil-hena u l-ġid.
X'tinkedd jekk is-sajf għad inixxfek?
Int taf li trid tiġi mill-ġdid.
Illum qed isaltan il-biki,
Id-demm qed jixxerred gelgul:
Int toħlom li għada, bħall-bieraħ,
Jixxejjer is-sbul.

7. 3. 42.



# Frak Mil-Leħen Tal-Għaqal

*Miġbur minn* CARL. MICALLEF DE CARO

Mhux dejjem tajjeb fil-ħajja tara kollox u tkun taf kollox: hemm dlonk hemm u għajb li aħjar wieħed ma jkunx jafhom.

Ma hemmx, meta tkun fin-niket, qsim il-qalb akbar milli tiftakar fiż-żmien hieni ta' l-imgħoddi.—(**Dante**).

Il-gwaj dlonk jiġi għax wieħed ikun ġiebu b'idejh: iżda l-imġiba l-aktar għaqlija u bla ħtija m'hix biżżejjed biex iżżommu fil-bogħod: u meta jasal, bil-ħtija jew bla ħtija, it-tama qawwija f'Alla ttaffih u tiswielu ta' fejda għal ħajja itjeb.—(**Manzoni**).

Alla huwa Dak li għandu f'idejh il-qlub tal-bnedmin u jista', meta jrid, irattab dawk l-aktar ebsin.—(**Manzoni**).

X'inhi l-ħajja tal-bniedem? "Sensiela ta' waqgħat".—(**Carlyle**).

Ma hemmx aħjar milli toqgħod hieni f'ħajtek u tagħmel it-tajjeb.—(**Ecclesiaste**).

Is-sabar jagħmel eħfef dak li ma jistax jissewwa.—(**Orazjo**).

Min jitfixkel u ma jaqax isewwi l-mixja.—(**Qawl qadim**).

L-akbar hemm ta' din id-dinja huwa li jkollok mara għanja.—(**Qawl Russu**).

Fiż-żwieġ la tfittixx is-sorra: ħu tifla fqira u ħorra.—(**Qawl Malti**).

Qabel tmur għall-gwerra itlob darba; qabel issiefer itlob darbtejn; qabel tiżżewweġ itlob tliet darbiet. — (**Qawl Ċiniż**).

Minn tliet ħwejjeġ jisgħobbija f'ħajti kollha: li fdajt sigriet lil marti—li mort bil-baħar fejn stajt immur bl-art—li għaddejt jum bla ma għamilt xejn.—(**Katone**).

Qis li ħalqek ikun il-ħabs ta' lsienek.
Il-ħbiberija ta' żewġ nisa hija konfoffa kontra mara oħra.—(**A. Karr**).

Il-ħadid huwa qawwi, iżda n-nar irattbu—in-nar huwa qawwi, iżda l-ilma jtaffih—l-uġigħ huwa qawwi iżda l-inbid jagħilbu—l-inbid huwa qawwi, iżda n-ngħas ixaħxħu. Iżda xejn ma jirbaħ jew irażżan mara mgħaddba.—(**Qawl tal-Etjopja**).